NAO
National Audit Office
MALTA

National Audit Office
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1601
Malta

Phone: (+356) 22055555
E-mail: nao.malta@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt
www.facebook.com/NAOMalta

*Awditur Ġenerali*

Rif: NAO 81/2022

2 ta' Novembru 2022

Onor. Darren Carabott
Chair
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Parlament ta' Malta
Valletta

Għażiż Onor. Carabott,

Nagħmel referenza għat-talba għal investigazzjoni mibgħuta lill-Awditur Ġenerali mill-Membri tal-Oppożizzjoni fil-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi fis-7 ta' Ottubru 2022, dwar is-sejħa pubblika għall-offerti fir-rigward tax-xogħol deskritt bħala "Upgrade of Triq il-Labour, and part of Vjal Sir Paul Boffa, Vjal Sta Luċija and Triq Giuseppe Garibaldi (Phase 3) of the construction of a multi-level interchange at Nodes EA20a and EA21 on route 1, Marsa".

Din it-talba ġiet riċevuta dakinhar stess mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Sussegwentement, skont il-proċedura stabbilita, l-Uffiċċju beda x-xogħol preliminari assoċjat ma' din il-verifika li eventwalment wassal għat-tfassil ta' dawn it-termini ta' referenza:

1. analiżi tal-proċess li wassal għall-għotja tal-kuntratt lis-soċjetà Ayhanlar Yol Asfaltlama biex jiġi iddeterminat jekk il-proċess kienx wieħed ġust, koerenti, diliġenti u msejjes fuq prinċipji ta' governanza tajba;

2. konsiderazzjoni ta' jekk il-Gvern użax id-diliġenza mistennija biex jistabbilixxi jekk is-soċjetà Ayhanlar Yol Asfaltlama kienitx f'pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha u stabbli biex twettaq l-obbligi tal-kuntratt;

3. analiżi tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-kuntratt oriġinarjament mogħti lis-soċjetà Ayhanlar Yol Asfaltlama lis-soċjetà Shining Star Infrastructure & Construction Co. Limited biex jiġi iddeterminat jekk il-proċess kienx wieħed ġust, koerenti, diliġenti u msejjes fuq prinċipji ta' governanza tajba; u

4. konsiderazzjoni ta' jekk il-Gvern użax id-diliġenza mistennija biex jistabbilixxi jekk l-assenjazzjoni tal-kuntratt lis-soċjetà Shining Star Infrastructure & Construction Co Limited kienitx permissibli, partikolarment fl-isfond tal-esperjenza meħtieġa fis-settur tal-kostruzzjoni u l-iżvilupp u d-data tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà.

..../

Fir-rigward tat-talba biex l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jikkunsidra jekk l-eżistenza tal-ftehim għall-kumpens ta' €2,000,000 favur is-soċjetajiet New Energy Supply Limited u Wings Investments Limited mis-soċjetà Ayhanlar Yol Asfaltlama ivvizzjax il-proċess tal-għażla u dgħajjef l-għotja tal-kuntratt, l-Uffiċċju m'għandux il-mandat biex jeżamina tranżazzjonijiet bejn kumpaniji privati jew individwi u allura ma jistax jikseb l-informazzjoni neċessarja biex iwieġeb din it-talba.

Dan huwa qafas preliminarju tal-investigazzjoni mitluba u l-Uffiċċju jirriserva d-dritt li jagħmel tibdiliet jekk meħtieġa.

Verżjoni bl-Ingliż tat-termini ta' referenza hi annessa ma' din l-ittra.

Tislijiet,

C. Deguara

Kopja lil: Segretarja, Kumitat Parlamentari tal-Kontijiet Pubbliċi

Ink.

**Terms of reference**

The preliminary terms of reference set for this audit comprise the:

1. analysis of the process leading to the award of the tender to Ayhanlar Yol Asfaltlama to determine whether this was fair, coherent, diligently undertaken and based on the principles of good governance;

2. consideration of whether the Government exercised the due diligence expected to establish whether Ayhanlar Yol Asfaltlama was in a strong and stable financial position to honour the contractual obligations;

3. analysis of the assignment and novation of the contract originally awarded to Ayhanlar Yol Asfaltlama to Shining Star Infrastructure & Construction Co. Limited to determine whether this process was fair, coherent diligently undertaken and based on the principles of good governance; and

4. consideration of whether the Government exercised the due diligence expected to determine whether the assignment of the contract to Shining Star Infrastructure & Construction Co. Limited was permissible, particularly in terms of the required experience in the construction and development sector and the date of registration of the Company.